MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2015

Numru. 181/2015

**Il-Pulizija**

**Spettur Joseph Mercieca**

**vs**

**Yousef Essesi**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Yousef Essesi detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 509491(M).

Akkuzat talli bejn il-25 u s-27 ta' Lulju, 2009, mill-fond Marco Shoe Store fi Triq Manuel Dimech Sliema:

1. Ikkommetta serq ta' cash register, li kien jikkontjeni xi flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, liema serq sar ghad-dannu ta' Marco Borg u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita/entitajiet ohra;

Akkuzat ukoll talli fit-13 ta' Frar, 2015 u/jew fix-xhur ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer:

2. Meta l-indirizz fuq il-karta ta' l-identita' ta' l-imputat ma baqax aktar validu jew. Xort' ohra, ma baqax iktar korrett, minghajr dewmien, huwa naqas milli jirraporta l-fatt lill-ufficjal awtorizzat u naqas milli jikkonsenja l-istess karta ta' l-identita' mhux korretta lili, u li jaghti dak it-taghrif kollu li kien mehtieg minn, dak l-ufficjal;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 17 ta' Frar, 2015 (esebit a fol.

13 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-8 ta' Mejju, 2015 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, ikkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet u l-fatt li llum il-gurnata l-imputat irriabilita ruhu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 325(1)(b), 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikoli 261, 263(a), 264(1), 267, 270, 278(3), 279(a), 280(2), 281(a) u 17 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikoli 19 u 242(b) tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti ssib lil imputat hati tat-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’ applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien tliet (3) snin millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------